**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 28 ta' Settembru, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Joseph Xuereb**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Joseph Xuereb detentur tal-karta tal-identita numru: 105963(M) akkuzat talli fit-28 ta' Gunju, 2015 ghall-habta ta' bejn it-15.00hrs u 16.00hrs, minn gewwa garaxx numru 145 "Express Garage" Triq A Cuschieri Birkirkara, f' dawn il-Gzejjer Maltin

1. Ikkommetta serq liema serq huwa aggravat bl-ammont li ma jeccediex l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.40) u bil-mezz u li sar ghad-detriment ta'

Giuseppi Borg u/jew persuna/i ohra. Art 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2), 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fis-serratura tal-garaxx nru. 145 "Express Garage" Triq A Cuschieri Birkirkara, liema hsara ma tiskorriex l-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-dannu ta' Giuseppi Borg u/jew persuna/i ohra. Art. 325(a)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f' dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr A Micallef Trigona LLD fid-digriet tieghu u li bih tat il-helsien mill-arrest. Art 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tirrevoka l-beneficcju ta' helsien mill-arrest u ri-arrest tal-imsemmi Joseph Xuereb.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li kellhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta’ Settembru, 2015 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw serqa li saret il-Hadd 28 ta’ Gunju 2015 ghall-habta ta’ 15.00hrs minn gewwa mahzen li jinsab fi Triq A. Cuschieri, Birkirkara u li huwa propjeta’ ta’ Joseph Borg. Minn dan il-mahzen insterqu tlett kaxxi angle valves li kienu jiswew madwar 840 Ewro u nstabu hames kaxxi ohra li l-valur taghhom kien ta’ madwar 1,000 Ewro fuq il-bankina fejn dawn thallew hemm mill-hallelin meta s-serqa giet sfrattata minn certu Godwin Borda li kien jghix faccata tal-mahzen u li nserta mpjegat tal-propjetarju tal-istess mahzen. Dan Borda fil-fatt ra l-bieb tal-mahzen miftuh u ra ragel li kien dahru lejh qed jaghlaq il-bieb tal-mahzen u meta huwa nizel fit-triq sabiex jindaga u kien miexi lejn ill-mahzen dan ir-ragel telaq jigri lejn vann abjad li kien hemm parkeggjat vicin b’ ragel iehor fih qed jistennih u huma harbu minn fuq il-post bl-istess vann bil-bieba miftuha. Il-vann kien tal-marka FIAT Ducato. .Wara li sar ir-rapport relattiv mal-Pulizija[i] u huma gabru c-cctv[ii] recordings ta’ residenza privata[iii] li hemm vicin tal-post tas-serqa u kif ukoll mill-istabbiliment tal-Go

plc li hemm fi Psaila Street huma ndividwaw vann abjad tal-marka Fiat Ducato bil-kaxxa tal-extractor fuqu kif iddeskriva Borda ghaddej mit-triq bil-bieba miftuha fid-data lok u hin deskritti u dan il-van li kellu n-numru tar-registrazzjoni CBQ 041 kien propjeta' tal-kumpanija 360 Food Imports Limited. Meta Godwin Borda gie muri c-cctv recordings relattivi huwa gharaf dan il-vann bhala dak li kien ra qed jitlaq minn fuq il-post. Meta l-Pulizija tkellmu ma' Matthew Ellul Sullivan li huwa l-managing director tal-kumpanija 360 Food Imports Limited dan indikalhom li il-vann in kwistjoni kien propjeta' tal-kumpanijia u li fil-gurnata li huma kienu qed jistaqsuh dwarha l-vann kien ghand id-delivery man tieghu Joseph Xuereb, u cioe' l-imputat fil-kawza odjerna. Fit-8 ta' Lulju 2015 l-imputat Joseph Xuereb gie mitlub imur l-Ghassa ta' Birkirkara bl-istess vann fejn huwa gie mitkellem mill-Pulizija u rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 84 et sequitur tal-atti processwali fejn huwa ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu. Meta saret tfittxija fir-residenza tieghu ma nstab xejn mill-oggetti misruqa jew altrimenti li ken konness mas-serqa. L-imputat irrilaxxja stqarrija ohra[iv] fit-22 ta' Lulju 2015 fejn rega' ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri xehdu kemm Godwin Borda[v]kif ukoll Matthew Ellul Sullivan[vi] u gew prodotti c-cctv recordings li saret referenza ghalihom aktar il-fuq. Godwin Borda ikkonferma dak li kien qal lill-Pulizija u gharaf il-vann li kien jidher fl-istills murija lilu bhala dak li kien ra jitlaq minn fuq il-post fid-data tas-serqa in dizamina izda huwa qal ukoll li ma kienx ra n-numru tar-registrazzjoni tal-vann u li ma kienx f' pozizzjoni jaghraf liz-zewg irgiel li kien ra fuq il-post izda specifika li dak ir-ragel li ra qed jaghlaq il-bieb tal-mahzen kellu xaghru qasir, kien liebes t-shirt abjad u kellu madwar tletin sena.  Matthew Ellul Sullivan ikkonferma li l-vann in kwistjoni kien propjeta' tal-kumpanija li taghha huwa kien il-Managing Director u li l-imputat kien

impjegat bhala delivery man mal-istess kumpanija. Dan ix-xhud qal ukoll li l-kumpanija kellha sitt vannijiet u li dawn kienu jintuzaw mid-delivery men kollha u ma kienux assenjati lil delivery man partikolari. Huwa qal li l-istore keeper tieghu kien izomm record fuq bazi ta' kuljum dwar liema delivery man ikun qed juza liema vann. Matthew Ellul Sullivan qal ukoll li meta l-Pulizija cemplulu sabiex jistaqsuh f' gurnata partikolari lil min kien assenjat il-vann huwa qal li kien ivverifika mal-istore keeper u dan kien indikalu li l-vann kien assenjat lil Joseph Xuereb u huwa ghadda l-informazzjoni lil-Pulizija. Dan ix-xhud spjega li gieli kien jitlob lill-imputat jaghmillu deliveries filghaxija u bhala sinjal ta' ringrazzjament kien jghidlu sabiex izomm il-vann wara li jkun ghamel tali deliveries.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni filwaqt li jirrizulta li huma rnexxielhom jippruvaw sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li saret is-serqa in dizamina u li l-vann abjad propjeta' tas-socjeta' 360 Food Imports Limited intuza mill-hallelin sabiex huma jitilqu minn fuq il-post, min-naha l-ohra ma ngabitx il-prova sal-grad rikjest mill-ligi li l-vann de quo dakinhar tas-serqa kien qed jintuza mill-imputat jew altrimenti xi prova ohra, bhal per ezempju impronti digitali tal-imputat li nstabu fuq il-post jew parti mir-res furtiva li nstabet fil-pussess tieghu, li tohloq ness bejnu u bejn is-serqa in dizamina.

Illi d-Difiza gustament irrilevat li Matthew Ellul Sullivan fl-ebda hin ma indika li fit-28 ta' Gunju 2015 il-vann kien qieghed ghand l-imputat. Huwa fil-fatt qal hekk:-

> Ehe le meta saqsewni min kien bih il-van jien jigifieri wegibtek li kien hemm Joseph bih dakinhar. Ma niftakarx meta kien onestament l-ebda gurnata u lanqas ix-xahar ma niftakar pero' meta saqsejtni ghal gurnata l-van kien qieghed ghand Joseph

Dan ix-xhud spjega li huwa kien staqsa lill-istorekeper Gino Balsia li kien izomm registru b' records dwar ghand min kienu jkunu l-vannijiet u kien indika lill-Pulizija li fid-data li staqsewh il-vann kien qed jintuza mill-imputat.

> Pros: Tiftakar hemm il-gurnata li jiena cempiltlek dwara u ghidtlek dik it-tali gurnata hemm ghand min kien il-van? Dan il-van li tkellimt dwaru?

> Xhud: Ehe jekk mhux sejjer zball hemm staqsejtni kien x'Sibt, ma niftakarx il-gurnata ezatti u filfatt iccekkjajt mal-istorekeeper u filfatt il-van kien ghand Joseph.

Irid jigi rilevat li s-serqa in dizamina sehhet il-Hadd filwaqt li Matthew Ellul Sullivan jghid li ma jiftakarx id-data izda jindika li l-gurnata li kienu staqsewh dwarha l-Pulizija jidhirlu li kienet is-Sibt. Illi inoltre l-Pulizija naqset milli ttella bhala xhud lill-istore keeper li kien izomm ir-Registru dwar l-utilizz tal-vannijiet jew altrimenti milli titlob lil Ellul Sullivan jipproduci tali Registru.

Illi din il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova sal-grad rikjest mill-ligi li fit-28 ta' Gunju 2015 fit-3.15pm il-vann CBQ 041 li ntuza fis-serqa in dizamina kien qed jintuza mill-imputat jew li altrimenti l-istess imputat kien wiehed miz-zewg irgiel li ra Godwin Borda jaharbu minn fuq il-post. L-imputat ghalhekk ma jistghax jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**

---

[i] Okkorrenza relattiva nserita a fol. 10 et sequitur tal-atti processwali.
[ii] Stills relattivi nseriti a fol. 30 tal-atti processwali.
[iii] Cd u stills relattivi nseriti a fol. 72 sa 74.
[iv] Inserita a fol. 87 et sequitur tal-atti processwali.
[v] Waqt l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2015
[vi] Waqt l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2015 u dik tad-29 ta' Jannar 2016.